# ĊIRKULARI

**Data:** 11 ta' Novembru 2020 **Ref:** DLAP 251/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Naqraw Flimkien / *Let's Read Together*

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għadha kif nediet librerija ta' filmati 'Naqraw Flimkien / *Let's Read Together*'. Din il-librerija toffri sessjonijiet ta' qari għall-gost irrekordjati għal tfal bejn 0 u 11-il sena. Dawn is-sessjonijiet saru bil-Malti jew bl-Ingliż mill-animaturi tal-qari tal-Aġenzija.

Kull ġimgħa, il-ġenituri/kustodji tat-tfal jistgħu jissellfu żewġ sessjonijiet, waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż. Dawn il-filmati jkunu bla ħlas imma jistgħu jintużaw biss għal tliet sigħat. Il-ġenituri/kustodji huma mistiedna jagħżlu s-sessjonijiet minn dawn il-katalgi:
**https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/Resources/Lets-Read-Together.aspx**

Biex tissellef filmat trid tibgħat ittra elettronika lil kurt.lee.azzopardi.2@ilearn.edu.mt u tagħtih din l-informazzjoni:

- It-titlu tas-sessjoni.
- L-età tat-tfal (0-3, 3-7 jew 7-11-il sena).
- Id-data u l-ħin meta tixtieq tara s-sessjoni (mit-Tnejn sal-Ġimgħa fl-4:00 pm jew fis-7:00 pm, is-Sibt fid-9:00 am jew fl-12:00).

Is-Sur Kurt Azzopardi jipprovdilek il-ħolqa u l-password tal-filmat/i b'ittra elettronika. In-numru tat-telefon tiegħu huwa 2598 2997.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**